REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/305

tal-24 ta' Frar 2022

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) u 232(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, sabiex jidħlu fl-Unjoni, iridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom, fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk mill-pollam u l-għasafar tal-kaċċa.

(5) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib Holy Island, Berwick Upon Tweed, Northumberland, fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fid-9 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib fil-kontea ta' Fulton, l-istat ta' Kentucky, l-Istati Uniti, u ġiet ikkonfermata fit-12 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(7) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib l-kontea ta' Webster, l-istat ta' Kentucky, l-Istati Uniti ġiet ikkonfermata fil-15 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib fil-kontea ta' Dubois, l-istat ta' Indiana, l-Istati Uniti, u ġiet ikkonfermata fis-16 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(9) L-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żona ta' kontroll ta' 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(10) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti bagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u l-miżuri li ħadu biex jiġi evitat li l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tkompli tixtered. Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk mill-pollam u għasafar tal-kaċċa miż-żoni taħt ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u l-Istati Uniti minħabba t-tifqigħat reċenti tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, jenħtieġ li ma jibqax jiġi awtorizzat.

(11) Is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali f'diversi żoni tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti rigward l-influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli hija tali li s-sospensjoni mil-listi stabbiliti fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 hija neċessarja sabiex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(12) Barra minn hekk, ir-Renju Unit ressaq informazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tiegħu rigward it-tifqigħa tal-HPAI kkonfermata fi stabbiliment tal-pollam tal-4 ta' Novembru 2021 qrib Arbroath, Angus, l-Iskozja u l-miżuri li ħa sabiex jiġi evitat tixrid ulterjuri ta' dik il-marda. B'mod partikolari, wara t-tifqigħa ta' marda HPAI, ir-Renju Unit implimentat politika ta' qerda sabiex tikkontrolla u tillimita t-tixrid tal-marda. Barra minn hekk, ir-Renju Unit temmet il-miżuri rikjesti ta' tindif u d-diżinfettar rikjest wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbiliment ta' pollam infettat fit-territorju tiegħu.

(13) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mir-Renju Unit u kkonkludiet li t-tifqigħa tal-HPAI fi stabbiliment tal-pollam viċin Arbroath, Angus, l-Iskozja tneħħiet u li ma għadx hemm riskju assoċjat mad-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet tal-pollam miż-żona tar-Renju Unit minn fejn id-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet tal-pollam ġie sospiż minħabba dik it-tifqigħa.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.

(15) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit u tal-Istati Uniti b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u r-riskju serju tal-introduzzjoni fl-Unjoni, l-emendi li għandhom isiru lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.18 hija sostitwita b'li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.18	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		4.11.2021	8.2.2022";

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.97 tiddaħħal wara r-ringiela għaż-żona GB-2.96:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.97	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		9.2.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		9.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		9.2.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		9.2.2022	

		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		9.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		9.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		9.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		9.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		9.2.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		9.2.2022";	

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.5, U.S-2.6 u US-2.7 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona US-2.4:

"**US** L-Istati Uniti	US.2.5	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		12.2.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		12.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		12.2.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		12.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		12.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		12.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		12.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		12.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		12.2.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		12.2.2022	
	US.2.6	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		15.2.2022	

		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		15.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		15.2.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		15.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		15.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		15.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		15.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		15.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		15.2.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		15.2.2022	
	US.2.7	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		16.2.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		16.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		16.2.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		16.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		16.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		16.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		16.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		16.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' ratiti	HER	N, P1		16.2.2022	
		Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		16.2.2022";	

(b) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja għaż-żona GB-2.97 tiddaħħal wara r-ringiela għaż-żona GB-2.96:

“Ir-Renju Unit	GB-2.97	Qrib Holy Island, Berwick Upon Tweed, Northumberland, l-Ingilterra: Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N55.67 u W1.80”;

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin għaż-żoni US-2.5, US-2.6 u US-2.7 jiddaħħlu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.4:

“l-Istati Uniti	US-2.5	l-istat ta' Kentucky, b'żona li parzjalment testendi fl-Istat ta' Tennessee: il-Kontea ta' Fulton (Fulton01): żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-ponta tat-Tramuntana fiċ-ċirkolari Fulton 01 premise Control Zone border u li testendi favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 1,0 km Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni tal- US Highway 51S u Sawmill Road. (b) Grigal: 0,9 km Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni tal-iState Route 307S u l-iState Route 924. (c) Lvant: 0,4 km Lvant ix-Xlokk mill-iState Route 2150 u l-iState Route 129. (d) Xlokk: 0,7 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Billy Owens Road u Chapel Hill Road. (e) Nofsinhar: 2,3 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Hollie Hutchinson Road u Knox Daniel Road. (f) Lbiċ: 0,4 km Majjistral mill-intersezzjoni ta' Hubert Harris Road u Barham Road. (g) Punent: 1,1 km Xlokk mill-intersezzjoni tal-iState Route 1127 u l-iState Route 166 W. (h) Majjistral: 2,6 km Grieg it-Tramuntana tal-intersezzjoni tal-iState Route 239 N u l-iState Route 94 W.
	US-2.6	l-Istat ta' Kentucky: il-Kontea ta' Webster (Webster01): żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-ponta tat-Tramuntana fiċ-ċirkolari Webster01 premise Control Zone border u li testendi favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 2,1 km Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Edward T Breathitt Pennyrile Parkway u l-iState Road 56 W. (b) Grigal: 1,8 km Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Roland Landing u Gravel Pit Road.

		(c) Lvant: 1,1 km Punent mill-intersezzjoni ta' Weldon Road u Onton Road (d) Xlokk: 3,6 km Xlokk mill-intersezzjoni ta' Edward T Breathitt Pennyrile Parkway u Jewel City Road. (e) Nofsinhar: 0,4 km Lvant mill-intersezzjoni ta' Jones Road u Stagecoach Road. (f) Lbiċ: 1,1 km Majjistral mill-intersezzjoni ta' Gooch Jones Road u l-iState Route 120 E. (g) Punent: 0,7 km Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni tal-iState Route 283 u l-iState Route 132 E. (h) Majjistral: 1,8 km Lbiċ mill-intersezzjoni tal-iState Route 56 E u Cottingham Pratt Road.
	US-2.7	l-Istat ta' Indiana: il-Kontea ta' Dubois (Dubois02): żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-ponta tat-Tramuntana fiċ-ċirkolari Dubois 02 premise Control Zone border u li testendi favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 1,2 km Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' E. Schnellville Road u S Rustic Lane. (b) Grigal: 2,1 km Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni tal-highways S 600E u E 400S. (c) Lvant: 1,0 km Majjistral mill-intersezzjoni ta' S Schnell Road u S Kyana Road. (d) Xlokk: 0,7 km Tramuntana mill-intersezzjoni tal-Highway 64 u E Ferdinand Road E. (e) Nofsinhar: 0,4 km Grigal mill-intersezzjoni ta' County Road 875 E u E County Road 2100N. (f) Lbiċ: 0,9 km Grigal mill-intersezzjoni tal-S US Highway 231 u W 1100 S. (g) Punent: 0,8 km Grigal mill-intersezzjoni tal-S 500 W u W 630S. (h) Majjistral: 1,0 km Tramuntana mill-intersezzjoni tal-S US Highway 231 u S Witz Road.”;

(2) L-Anness XIV huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.18 hija sostitwita b'li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.18	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		4.11.2021	8.2.2022
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		4.11.2021	8.2.2022";

(ii) l-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żona GB-2.97 tiddaħħal wara r-ringiela għaż-żona GB-2.96:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.97	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		9.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		9.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		9.2.2022";	

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.5, U.S-2.6 u US-2.7 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona US-2.4:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.5	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		12.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		12.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		12.2.2022	
	US-2.6	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		15.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		15.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		15.2.2022	
	US-2.7	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		16.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		16.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		16.2.2022";	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin għaż-żoni US-2.5, US-2.-2.6 u US-2.7 jiddaħħlu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.4:

"l-Istati Uniti	US-2.5	l-istat ta' Kentucky, b'żona li parzjalment testendi fl-Istat ta' Tennessee: il-Kontea ta' Fulton (Fulton01): żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-ponta tat-Tramuntana fiċ-ċirkolari Fulton 01 premise Control Zone border u li testendi favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 1,0 km Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni tal- US Highway 51S u Sawmill Road. (b) Grigal: 0,9 km Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni tal-iState Route 307S u l-iState Route 924. (c) Lvant: 0,4 km Lvant ix-Xlokk mill-iState Route 2150 u l-iState Route 129. (d) Xlokk: 0,7 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Billy Owens Road u Chapel Hill Road. (e) Nofsinhar: 2,3 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Hollie Hutchinson Road u Knox Daniel Road. (f) Lbiċ 0,4 km Majjistral mill-intersezzjoni ta' Hubert Harris Road u Barham Road. (g) Punent: 1,1 km Xlokk mill-intersezzjoni tal-iState Route 1127 u l-iState Route 166 W. (h) Majjistral: 2,6 km Grieg it-Tramuntana tal-intersezzjoni tal-iState Route 239 N u l-iState Route 94 W.
	US-2.6	l-Istat ta' Kentucky: il-Kontea ta' Webster (Webster01): żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-ponta tat-Tramuntana fiċ-ċirkolari Webster01 premise Control Zone border u li testendi favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 2,1 km Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Edward T Breathitt Pennyrile Parkway u l-iState Road 56 W. (b) Grigal: 1,8 km Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Roland Landing u Gravel Pit Road. (c) Lvant: 1,1 km Punent mill-intersezzjoni ta' Weldon Road u Onton Road (d) Xlokk: 3,6 km Xlokk mill-intersezzjoni ta' Edward T Breathitt Pennyrile Parkway u Jewel City Road. (e) Nofsinhar: 0,4 km Lvant mill-intersezzjoni ta' Jones Road u Stagecoach Road. (f) Lbiċ: 1,1 km Majjistral mill-intersezzjoni ta' Gooch Jones Road u l-iState Route 120 E. (g) Punent: 0,7 km Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni tal-iState Route 283 u l-iState Route 132 E. (h) Majjistral: 1,8 km Lbiċ mill-intersezzjoni tal-iState Route 56 E u Cottingham Pratt Road.

	US-2.7	l-Istat ta' Indiana: il-Kontea ta' Dubois (Dubois02): żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-ponta tat-Tramuntana fiċ-ċirkolari Dubois 02 premise Control Zone border u li testendi favur l-arloġġ: (a) Tramuntana: 1,2 km Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' E. Schnellville Road u S Rustic Lane. (b) Grigal: 2,1 km Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni tal-highways S 600E u E 400S. (c) Lvant: 1,0 km Majjistral mill-intersezzjoni ta' S Schnell Road u S Kyana Road. (d) Xlokk: 0,7 km Tramuntana mill-intersezzjoni tal-Highway 64 u E Ferdinand Road E. (e) Nofsinhar: 0,4 km Grigal mill-intersezzjoni ta' County Road 875 E u E County Road 2100N. (f) Lbiċ: 0,9 km Grigal mill-intersezzjoni tal-S US Highway 231 u W 1100 S. (g) Punent: 0,8 km Grigal mill-intersezzjoni tal-S 500 W u W 630S. (h) Majjistral: 1,0 km Tramuntana mill-intersezzjoni tal-S US Highway 231 u S Witz Road.".